

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 2014

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja**

(2014/505/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak u Kattegat ("Ftehim tal-1966") bejn id-Danimarka, in-Norveġja u l-Isvezja ġie ffirmat fid-19 ta' Diċembru 1966 u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1967.
- (2) Il-Ftehim tal-1966 ippermetta aċċess reċiproku bejn id-Danimarka, in-Norveġja u l-Isvezja biex jistadu fiż-żona sa erba' mili nawtiċi mil-linji bażi rispettivi tagħhom fi Skagerrak u Kattegat. Dan stabbilixxa wkoll li, għall-finijiet ta' tali sajd, iż-żona inkwistjoni titqies li tikkostitwixxi ibħra miftuħa u li għalhekk il-ġurisdizzjoni tal-Istat tal-bandiera applikat fi kwistjonijiet bħal dawk tal-kontroll.
- (3) Permezz tal-ađeżjoni tad-Danimarka u l-Isvezja mal-Unjoni fl-1973 u l-1995 rispettivament, l-Unjoni saret responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Ftehim tal-1966 f'isem dawk iż-żewġ Stati Membri.
- (4) Fid-29 ta' Lulju 2009, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tan-Norveġja nnotifika lid-Danimarka, id-depożitarju tal-Ftehim tal-1966, li huma xtaqu jitterminaw il-Ftehim tal-1966 permezz ta' denunzja formali f'konformità ma' dak il-Ftehim u konsewwentement, il-Ftehim tal-1966 skada fis-7 ta' Awwissu 2012.
- (5) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem l-Unjoni, Ftehim ġdid mar-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak u Kattegat.
- (6) B'riżultat ta' dawn in-negozjati, fl-24 ta' Ottubru 2013 ġie inizjalat il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja (il-"Ftehim").
- (7) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat.
- (8) Sabiex ikun hemm garanzija tal-kontinwazzjoni ta' aċċess għall-bastimenti tal-Unjoni għall-attivitajiet tas-sajd, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja sa sentejn mid-data tal-firma tiegħu, sa meta jidħol fis-seħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Isvezja huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja sa sentejn mid-data tal-iffirmar tiegħu <sup>(1)</sup>, sa meta jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---

<sup>(1)</sup> Id-data tal-iffirmar tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.